



Brussell, 27 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13881/19

SPORT 96
JEUN 127
SOC 732
EMPL 555
SUSTDEV 158
SAN 461

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13351/1/19 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar is-salvagwardja tat-tfal fl-isport

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-konklużjonijiet dwar is-salvagwardja tat-tfal fl-isport, kif adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill (EYCS) fil-21 u t-22 ta' Novembru 2019.

Is-salvagwardja tat-Tfal fl-Isport
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati
Membri mlaqqgħin fil-Kunsill -

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI
MLAQQGħIN FIL-KUNSILL

JIRRIKONOXXU LI

1. Is-salvagwardja tat-tfal fl-isport hija prerekwiżit biex it-tfal igawdu l-isport bħala passatemp u jikbru bħala atleti. Barra minn hekk, stil ta' ħajja attiv jenħtieġ li jiġi adottat fit-tfulija. L-ippraktikar tal-isport f'età bikrija jista' jikkontribwixxi għas-saħħa, il-benesseri, il-kapaċità għax-xogħol u l-inklużjoni soċjali taċ-ċittadini fuq medda twila ta' żmien, kif ukoll għall-iżvilupp ta' kompetenzi, ħiliet u għarfien, inkluż iċ-ċittadinanza attiva.
2. L-Artikolu 19(1) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal jipprovdi l-bażi għall-qafas legali għas-salvagwardja tat-tfal¹. Barra minn hekk, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tirrikonoxxi li t-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u l-kura meħtieġa għall-benesseri tagħhom. Skont l-Artikolu 165 TFUE, il-protezzjoni tal-integrità fiżika u morali tal-isportivi, speċjalment tal-isportivi li huma l-iżgħar fl-età, hija mod kif tiġi żviluppata d-dimensjoni Ewropea fl-isport u għaldaqstant mira speċifika tal-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-isport.
3. Is-salvagwardja tat-tfal fl-isport jenħtieġ li tinftiehem, b'mod ġenerali, bħala li t-tfal kollha jinżammu sikuri mill-ħsara, l-abbuż, il-vjolenza, l-isfruttament u n-negliġenza. Is-salvagwardja tat-tfal tinvolvi sett ta' azzjonijiet li jgħinu biex jiġi żgurat li t-tfal kollha li jipparteċipaw fl-isport ikollhom esperjenza pożittiva.

¹ "L-Istati Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġislattivi, amministrattivi, soċjali u edukattivi kollha xierqa biex iħarsu lit-tfal minn kull xorta ta' vjolenza fiżika jew mentali, korrimient jew abbuż, negliġenza jew trattament negliġenti, trattament ħażin jew sfruttament, inkluż l-abbuż sesswali, waqt li jkunu fil-kura ta' ġenituri, f'tutela jew fil-kura ta' persuni oħra f'dati bil-kura tagħhom."

4. L-Istati Membri rrikonoxxew li ambjent sikur huwa prerekwiżit għat-titjib tal-attività fiżika tat-tfal, u f'dawn l-aħħar snin ħadu diversi miżuri konkreti biex jagħmlu l-attivitàjiet sportivi aktar sikuri għat-tfal, bħat-titjib tal-leġislazzjoni u l-istabbiliment ta' proġetti mmirati.
5. Fil-livell tal-UE, l-Istati Membri skambjaw prattiki tajba u diversi proġetti ġew iffinanzjati permezz tal-programm Erasmus+ u l-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza. Madankollu, jenħtieġ li jibqgħu jissaħħu l-ħidma u l-isforzi f'dan il-kuntest.

JIKKUNSIDRAW LI

6. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jaqdu rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' politika strateġika u biex jiżguraw li jkun hemm qafas leġislattiv u ta' politika adegwat għas-salvagwardja tat-tfal, inkluż fil-qasam tal-isport.
7. Riżultati sostenibbli f'dan il-qasam jirrikjedu kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi fil-livelli kollha. Il-programm Erasmus+ u strumenti ta' finanzjament oħra tal-UE jistgħu jipprovdu riżorsi addizzjonali biex jiġu ffaċilitati proġetti u inizjattivi oħra għas-salvagwardja tat-tfal fl-isport.
8. L-iżvilupp ta' miżuri għas-salvagwardja tat-tfal fl-isport jirrikjedi kooperazzjoni ma' setturi differenti bħas-setturi tal-edukazzjoni, tas-saħħa, tas-servizzi soċjali, tal-ġustizzja, tal-infurzar tal-liġi u taż-żgħażaġħ. Dan jirrikjedi wkoll l-involvement ta' diversi atturi, inkluż skejjel, organizzazzjonijiet sportivi u klabbs, familji, tobba, coaches, għalliema, uffiċjali fil-qasam tal-isport u l-pari.
9. Il-linji gwida ta' politika żviluppata minn organizzazzjonijiet internazzjonali biex jiġu identifikati, evitati u indirizzati l-problemi relatati mas-salvagwardja tat-tfal fl-isport jenħtieġ li jiġu disseminati, implimentati u sorveljati b'mod aktar effettiv².

² Eż. Is-Salvagwardji Internazzjonali tal-UNICEF għat-Tfal fl-Isport (2016), l-Alleanza Internazzjonali għar-Rakkomandazzjonijiet dwar il-Protezzjoni tat-Tfal tal-Isports taż-Żgħażaġħ, l-Inizjattiva Ibda Tkellem (Start to Talk Initiative) tal-Kunsill tal-Ewropa u s-Salvagwardja tal-Aletti mill-Fastidju u l-Abbuż fil-Qafas tal-Isport tal-KOI.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, SKONT IL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETA' U FIL-LIVELLI XIERQA, BIEX

10. Jiżguraw li jkun hemm qafas legali u ta' politika adegwat, inkluż miżuri pożittivi preventivi kif ukoll proċeduri ta' sanzjonijiet fejn xieraq, li jistgħu jappoġġaw l-iżvilupp ta' miżuri prattiċi olistiċi mfassla biex jindirizzaw il-kwistjoni tas-salvagwardja tat-tfal fl-isport.
11. Jikkunsidraw li jintroduċu u jsaħħu s-sensibilizzazzjoni kif ukoll miżuri tal-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u kontinwi – bħal linji gwida ta' politika, settijiet ta' għodod edukattivi, kodiċijiet ta' kondotta, kampanji u l-iskambju tal-aħjar prattiki u esperjenza – immirati lejn tfal, familji, organizzazzjonijiet sportivi, voluntiera, coaches, għalliema, u ħaddiema żgħażaġh li jaħdmu mat-tfal fl-isport sabiex jiġu evitati l-vjolenza u l-abbuż fiżiċi kif ukoll emozzjonali.
12. Jikkooperaw ma' organizzazzjonijiet sportivi biex jiżviluppaw miżuri li jissalvagwardjaw lit-tfal fl-isport, bħal programmi edukattivi, kodiċijiet ta' kondotta, monitoraġġ, u linji gwida u proċeduri għall-prevenzjoni tal-vjolenza u l-abbuż, inkluż, fejn xieraq, verifiki sistematiċi ta' rekords kriminali³ dwar impjegati u voluntiera fil-qasam sportiv, kif ukoll għall-ġestjoni ta' allegazzjonijiet, it-twettiq ta' segwitu xieraq u l-għoti tal-appoġġ meħtieġ lit-tfal.
13. Jirrieżaminaw l-azzjonijiet possibbli fl-għoti ta' finanzjament pubbliku bbażat fuq l-involvement tal-organizzazzjonijiet biex jimplimentaw miżuri għas-salvagwardja tat-tfal fl-isport.
14. Jistabbilixxu u jissensibilizzaw kif ukoll itejbu l-effettività ta' kanali eżistenti ta' komunikazzjoni għall-protezzjoni tat-tfal u ta' mekkaniżmu ta' rappurtar li jistgħu jużaw it-tfal li jesperjenzaw jew il-persuni li jaraw vjolenza u/jew abbuż fl-isport. Dawn l-għodod jistgħu jinkludu linji telefoniċi għall-għajnuna, chats jew siti web.

³ Id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija u speċjalment l-Artikolu 10 tagħha.

*JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZI
RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX*

15. Jiġbru u jikkondividu d-data fejn possibbli, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE, dwar il-vjolenza kontra t-tfal, u l-abbuż tagħhom, u jippromwovu l-użu ta' strumenti ta' monitoraġġ li jfittxu li jistmaw il-prevalenza tat-tipi kollha ta' theddid potenzjali għas-salvagwardja tat-tfal fl-isport, kif ukoll jimmonitorjaw l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki u l-proċeduri rilevanti.
16. Jappoġġaw, jippromwovu u jiddisseminaw studji u pubblikazzjonijiet dwar is-salvagwardja tat-tfal fl-isport.
17. Jippromwovu l-iskambju tal-aħjar prattiki, b'mod partikolari mill-organizzazzjonijiet sportivi u l-awtoritajiet nazzjonali, dwar miżuri ta' salvagwardja, inkluż miżuri preventivi għas-salvagwardja kontra l-vjolenza u l-abbuż sesswali, dwar il-promozzjoni ta' mġiba tolleranti u rispettuża fl-isport, u kontra l-bullying.
18. Irawmu l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali governattivi u mhux governattivi, bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-UNICEF.

JISTIEDNU LILL-MOVIMENT SPORTIV BIEX:

19. Jiżgura li t-tfal ikunu u jħossuhom sikuri fl-isport, u li jinstemgħu u jiġu ttrattati b'mod ġust u b'mod rispettuż biex jgħinhom jibnu awtostima sana, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fejn xieraq.
20. Jiżgura, fejn xieraq, li l-istadji tal-iżvilupp tat-tfal u d-differenzjazzjoni bejn is-sessi jiġu rrispettati fi kwalunkwe qafas kompetittiv.
21. Jimplimenta proċeduri ta' salvagwardja adegwati biex jipprevjenu r-riskji li t-tfal issirilhom ħsara, kemm fiżikament kif ukoll emozzjonalment.

22. Jiżviluppa taħriġ u settijiet ċari ta' linji gwida u regolamenti biex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet sportivi jindirizzaw it-tħassib dwar is-salvagwardja tat-tfal b'mod effettiv, u jieħdu miżuri bħal li jaħtru ombudsman indipendenti marbut mal-kunfidenzjalità bħala persuna ta' kuntatt għat-tfal li jesperjenzaw vjolenza u/jew abbuż fl-isport.
 23. Jimplimenta verifiki tal-preċedenti personali, inkluż f'każijiet ta' mobbiltà transfruntiera, fuq impjegati u voluntiera fil-qasam sportiv, fejn xieraq, li jaħdmu mat-tfal, f'konformità mal-oqfsa legali rilevanti.
 24. Jikkollabora mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-aġenziji u l-organizzazzjonijiet responsabbli għall-protezzjoni tat-tfal, b'mod partikolari biex jiġu appoġġati l-vittmi tfal.
-

A. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill:

1. "Is-salvagwardja tat-tfal fl-isport" tfisser li t-tfal kollha jinżammu sikuri minn ħsara, abbuż, vjolenza, sfruttament u negliġenza fiżiċi u emozzjonali. Tkopri kemm il-protezzjoni tat-tfal kif ukoll il-promozzjoni tal-benesseri tat-tfal.
2. "Protezzjoni tat-tfal" tfisser il-protezzjoni ta' individwu li jkun ġie identifikat bħala li qiegħed friskju ta' abbuż, vjolenza, sfruttament jew negliġenza.

B. Referenzi

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill ifakkar f'dan li ġej, b'mod partikolari:

Unjoni Ewropea

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-protezzjoni taż-żgħażaġh fuq ix-xogħol
2. Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija
3. White Paper dwar l-Isport (2007)
4. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-attività fiżika li ttejjeb is-saħħa (HEPA) (2012/C 393/07)
5. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni transettorjali ta' attività fiżika favur is-saħħa (2013/C 354/01)
6. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ħiliet motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal (2015/C 417/09)

7. Rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti dwar il-protezzjoni ta' atleti żgħażaġh u s-salvagwardja tad-drittijiet tat-tfal fl-isport
8. Is-salvagwardja tat-Tfal fl-Isport: Studju ta' identifikazzjoni minn Ecorys u Thomas More University
9. Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu
10. Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari l-Artikolu 24
11. Id-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità

Nazzjonijiet Uniti

12. Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989)
13. Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-mira 16.2 dwar il-vjolenza kontra t-tfal
14. Karta Internazzjonali tal-Edukazzjoni Fiżika, l-Attività Fiżika u l-Isport - Unesco SHS/2015/PI/H/14 REV, <https://unesdoc.unesco.org/ark:/48223/pf0000235409/PDF/235409eng.pdf.multi>
15. Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Kazan - Konferenza Internazzjonali tal-Ministri u l-Uffiċjali Għolja Responsabbli għall-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport (is-Sitt MINEPS) (Kazan, il-Federazzjoni Russa, 2017) - Unesco SHS/2017/PI/H/14 REV.

Kunsill tal-Ewropa

16. Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)9 tal-Kumitat tal-Ministri għall-istati membri dwar il-Kodiċi rivedut tal-Etika tal-Isports
17. Rakkomandazzjoni CM/Rec (2012)10 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar il-protezzjoni ta' atleti tfal u żgħażaġh minn perikli assoċjati mal-migrazzjoni

18. Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali, CETS No. 201,
 19. Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattamenti jew Pieni Inumani jew Degradanti, CETS No. 126
 20. Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, CETS Nru. 197, Varsavja, 16.5.2005, pp. 1–21
 21. Karta Soċjali Ewropea, CETS Nru. 35, riveduta CETS Nru. 163
-